2024/1496

28.5.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/1496

tas-27 ta' Mejju 2024

li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK [1].

(2) Il-Kunsill jibqa' mħasseb serjament dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja. Wara aktar minn 13-il sena, il-kunflitt fis-Sirja għadu 'l bogħod milli jintemm u għadu sors ta' tbatija u instabbiltà. It-terremot traġiku tas-6 ta' Frar 2023 aggrava s-sitwazzjoni umanitarja diġà gravi fil-pajjiż u żied mal-ħtiġijiet tal-popolazzjoni Sirjana.

(3) Il-Kunsill ifakkar li l-miżuri restrittivi tal-Unjoni, inkluż dawk adottati fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, mhumiex maħsuba biex jostakolaw jew jimpedixxu l-provvista ta' għajnuna umanitarja, inkluż assistenza medika. Il-kummerċ fil-maġġoranza tas-setturi bejn l-Unjoni u s-Sirja,inkluż fl-ikel u l-mediċini, mhuwiex ristrett mill-miżuri restrittivi adottati fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja. Barra minn hekk, fir-rigward ta' miżuri individwali, hemm fis-seħħ eċċezzjonijiet li jippermettu li fondi u riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għal persuni u entitajiet dežinjati, fejn dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa biss għall-iskop li tingħata għajnuna umanitarja fis-Sirja jew assistenza lill-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. F'ċerti każijiet, hija meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti.

(4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-azzjoni umanitarja tal-UE: sfidi ġodda, l-istess prinċipji, il-Kunsill afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jevita u fejn ma jistax jagħmel dan, itaffi kemm jista' jkun, kwalunkwe impatt negattiv potenzjali mhux intenzjonat tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni fuq azzjoni umanitarja msejsa fuq il-prinċipji. Il-Kunsill tenna li l-miżuri restrittivi tal-Unjoni jikkonformaw mal-obbligi kollha skont id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati. Huwa ssottolinja l-importanza li l-prinċipji umanitarji u d-dritt umanitarju internazzjonali jiġu rispettati b'mod sħiħ fil-politika ta' sanzjonijiet tal-Unjoni, inkluż permezz tal-inklużjoni konsistenti ta' eċċezzjonijiet umanitarji fir-reġimi ta' miżuri restrittivi fejn ikun rilevanti, u billi jiġi żgurat li jkun hemm qafas effettiv biex jintuża f'dawn l-eċċezzjonijiet minn organizzazzjonijiet umanitarji.

(5) Fid-9 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2664 (2022), fejn fakkar fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu li jimponu miżuri ta' sanzjonijiet b'rispons għat-theddid għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, u enfasizza li l-miżuri li jittieħdu mill-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti biex jimplimentaw is-sanzjonijiet hemm bżonn jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali ma jkunux maħsuba li jkollhom konsegwenzi umanitarji negattivi għall-popolazzjonijiet ċivili jew konsegwenzi negattivi għall-attivitajiet umanitarji jew għal dawk li jwettquhom. Fil-paragrafu 1 tal-UNSCR 2664 (2022), il-KSNU ddeċieda li l-forniment, l-ipproċessar jew il-ħlas ta' fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra jew il-forniment minn ċerti atturi tal-oġġetti u s-servizzi meħtieġa biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jiġu appoġġati attivitajiet oħra li jsostnu l-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem huma permessi, u mhumiex ksur tal-iffriżar tal-assi imposti mill-KSNU jew mill-Kumitati tas-Sanzjonijiet tiegħu.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14).

(6) Fl-14 ta' Frar 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/338 ([2]), li introduċiet l-eżenzjoni umanitarja skont il-UNSCR 2664 (2022) fir-reġimi ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni li jagħtu effett lill-miżuri deċiżi mill-KSNU jew mill-Kumitati tas-Sanzjonijiet tiegħu. Fil-31 ta' Marzu 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/726 ([3]), li introduċiet l-eżenzjoni umanitarja skont il-UNSCR 2664 (2022) fir-reġimi ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni li jagħtu effett lill-miżuri deċiżi mill-KSNU jew mill-Kumitati tas-Sanzjonijiet tiegħu u fil-miżuri komplementari deċiżi mill-Kunsill. Fis-27 ta' Novembru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2686 ([4]), li introduċiet f'ċerti reġimi ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni l-eżenzjoni umanitarja għall-benefiċċju tal-atturi msemmija fl-UNSCR 2664 (2022), ta' organizzazzjonijiet u aġenziji li lilhom l-Unjoni tat iċ-Ċertifikat ta' Sħubija Umanitarja, ta' organizzazzjonijiet u aġenziji li huma ċċertifikati jew rikonoxxuti minn Stat Membru, u aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri.

(7) Fit-23 ta' Frar 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/408 ([5]), li introduċiet eżenzjoni għall-iffriżar tal-assi tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi u l-entitajiet iddeżinjati, u għar-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi u riżorsi ekonomiċi lilhom, għall-benefiċċju ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u ċerti kategoriji definiti ta' atturi involuti fl-attivitajiet umanitarji għal perjodu inizjali ta' sitt xhur sal-24 ta' Awwissu 2023. Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1467 ([6]), li estendiet din l-eżenzjoni sal-24 ta' Frar 2024. Fit-18 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2876 ([7]), li estendiet aktar l-eżenzjoni sal-1 ta' Ġunju 2024 bil-ħsieb li tiffaċilita t-twassil rapidu tal-għajnuna u tipprovdi prevedibbiltà u ċertezza legali għall-atturi li jibbenefikaw minn dik l-eżenzjoni.

(8) Sabiex tiżdied il-konsistenza bejn ir-reġimi ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni u ma' dawk adottati mill-KSNU jew mill-Kumitati tas-Sanzjonijiet tiegħu, u biex tiġi żgurata t-tkomplija tat-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jiġu appoġġati attivitajiet oħra li jsostnu l-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem, il-Kunsill iqis li l-eżenzjoni introdotta bid-Deċiżjoni (PESK) 2023/408 jenħtieġ li tiġi sostitwita b'eżenzjoni mill-miżuri ta' ffriżar tal-assi applikabbli għal, u mir-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni ta', il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi ddeżinjati skont id-Deċiżjoni 2013/255/PESK, għall-benefiċċju tal-atturi msemmija fil-UNSCR 2664 (2022), ta' organizzazzjonijiet u aġenziji li l-Unjoni tkun tathom iċ-Ċertifikat ta' Sħubija Umanitarja, ta' organizzazzjonijiet u aġenziji li huma ċċertifikati jew rikonoxxuti minn Stat Membru, u ta' aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri. Jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tapplika sal-1 ta' Ġunju 2025 f'konformità mad-data tat-tmiem tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK, filwaqt li jitqies li, minħajr preġudizzju għar-rieżami tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK, il-Kunsill jipprevedi li jestendi aktar dik l-eżenzjoni wara l-1 ta' Ġunju 2025. Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jiġi emendat il-mekkaniżmu eżistenti ta' deroga għal dawk l-organizzazzjonijiet u l-atturi involuti f'attivitajiet umanitarji li ma jistgħux jibbenefikaw minn dik l-eżenzjoni. Barra minn hekk, il-Kunsill iqis ukoll li jenħtieġ li tiġi introdotta klawżola ta' rieżami relatata ma' dawk l-eċċezzjonijiet.

(9) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni biex jiġu implimentati ċerti miżuri f'din id-Deċiżjoni.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2013/255/PESK hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 28a huwa sostitwit b'dan li ġej:

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/338 tal-14 ta' Frar 2023 li temenda ċerti deċiżjonijiet tal-Kunsill u pożizzjonijiet komuni dwar miżuri restrittivi sabiex jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar eżenzjoni umanitarja (ĠU L 47, 15.2.2023, p. 50).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/726 tal-31 ta' Marzu 2023 li temenda ċerti Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi sabiex jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar eżenzjoni umanitarja (ĠU L 94, 3.4.2023, p. 48).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2686 tas-27 ta' Novembru 2023 biex jiġu emendati ċerti Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi sabiex jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar eċċezzjonijiet umanitarji (ĠU L, 2023/2686, 28.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2686/oj).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/408 tat-23 ta' Frar 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 56 I, 23.2.2023, p. 4).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1467 tal-14 ta' Lulju 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 180, 17.7.2023, p. 41).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2876 tat-18 ta' Diċembru 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L, 2023/2876, 19.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2876/oj).

"Artikolu 28a

1. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28(1), (2) u (5) ma għandhomx japplikaw sal-1 ta' Ġunju 2025 għall-forniment, l-ipproċessar jew il-ħlas ta' fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra jew għall-forniment ta' oġġetti u servizzi li jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jappoġġaw attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem, meta din l-assistenza u l-attivitajiet oħra jitwettqu minn:

(a) in-Nazzjonijiet Uniti, inkluż il-programmi, il-fondi u l-entitajiet u l-korpi l-oħra tagħha, kif ukoll l-aġenziji speċjalizzati u l-organizzajonijiet relatati tagħha;

(b) organizzazzjonijiet internazzjonali;

(c) organizzazzjonijiet umanitarji bi status ta' osservatur mal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Unitiu membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet umanitarji;

(d) organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati bilateralment jew multilateralment li jipparteċipaw fil-Pjanijiet ta' Rispons Umanitarju tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Pjanijiet ta' Rispons għar-Refuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti, appelli oħra tan-Nazzjonijiet Unitijew raggruppamenti umanitarji kkoordinati mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Unitigħall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji;

(e) organizzazzjonijiet u aġenziji li jkunu ngħataw mill-Unjoni ċ-Ċertifikat ta' Sħubija Umanitarja jew li jkunu ċċertifikati jew rikonoxxuti minn Stat Membru f'konformità ma' proċeduri nazzjonali;

(f) aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri; jew

(g) l-impjegati, il-benefiċjarji, is-sussidjarji jew is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni tal-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) waqt u sal-punt li jkunu qed jaġixxu f'dawk il-kapaċitajiet.

2. Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 28(5) ma għandhiex tapplika għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi u l-entitajiet elenkati fl-Annessi I u II minn korpi pubbliċi, jew minn persuni ġuridiċi jew entitajiet li jirċievu finanzjament pubbliku biex jingħata sokkors umanitarju fis-Sirja jew biex tingħata assistenza lill-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, fejn l-għoti ta' dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi jkun għax-xiri jew it-trasport ta' prodotti petroliferi, jew finanzjament jew assistenza finanzjarja assoċjati, għall-uniku skop li jingħata sokkors umanitarju fis-Sirja jew li tingħata assistenza lill-popolazzjoni ċivili fis-Sirja f'konformità mal-Artikolu 5(3).

3. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, u b'deroga mill-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 28(1), (2) u (5), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew id-disponibbiltà ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, skont il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-forniment ta' dawk il-fondi jew riżorsi ekonomiċi jkun meħtieġ biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jiġu appoġġati attivitajiet oħra li jsostnu l-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem.

4. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva, talba għall-informazzjoni jew notifika għal iktar żmien mill-awtorità kompetenti rilevanti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' talba għall-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 2, dik l-awtorizzazzjoni għandha titqies li ngħatat.

5. Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 28(5) ma għandhiex tapplika għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew tal-entitajiet elenkati fl-Annessi I u II minn missjonijiet diplomatiċi jew konsulari fejn l-għoti ta' dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi jkun f'konformità mal-Artikolu 5(4).

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 3 u 4 fi żmien 4 ġimgħat minn dik l-awtorizzazzjoni.";

(2) fl-Artikolu 34, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28a(1) sa (4) fir-rigward tal-Artikolu 28(1), (2) u (5) għandhom jiġu rrieżaminati f'intervalli regolari, u mill-inqas kull 12-il xahar, jew fuq talba urġenti ta' kwalunkwe Stat Membru, tar-Rappreżentant Għoli jew tal-Kummissjoni wara bidla fundamentali fiċ-ċirkostanzi.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES